VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,086, 10 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 142 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Erbatax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/45/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Jemenda l-partita 2 tat-Taqsima Tlieta tal-Iskeda.

2. Il-paragrafu (1) fil-partita 2 tat-Taqsima Tlieta tal-Iskeda għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, kull persuna msemmija fil-partita 1 ta' din it-Taqsima tista' tagħżel li d-data li fiha ssir dovuta t-taxxa fuq provvisti magħmula minnha tkun id-data meta jsir ħlas għal dik il-provvista, sal-limitu inkluż f'dak il-ħlas.

Iżda bil-kondizzjoni li d-dritt għat-tnaqqis tal-*input tax* ta' dik il-persuna għandu jiġi pospost sakemm it-taxxa fuq oġġetti jew servizzi pprovduti lilha tkun tħallset lill-fornitur tagħha.

(b) Fejn fattura ta' taxxa maħruġa skont it-Tnax-il Skeda minn persuna li għamlet l-għażla skond is-subparagrafu (a) ma jkolliex ir-referenza "Kontabilità bbażata fuq ħlasijiet" dik l-għażla ma tapplikax u t-taxxa fuq dik il-provvista tkun dovuta skont id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.".